

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-504/08) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/70/KE — Uffiċjali u politkanti — Ħasil ta' flus — Traspożizzjoni inkompleta)

(2009/C 282/25)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u E. Adsera Ribera, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. López-Medel Bascones, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, tal-1 ta' Awwissu 2006, li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, p. 29)

**Dispożittiv**

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, tal-1 ta' Awwissu 2006, li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 5 ta' din l-istess direttiva.

(2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 6, 10.01.2009

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda**

(Kawża C-549/08) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/70/KE — Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 282/26)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliš

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u A.-A. Gilly, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentant: D. O'Hagan, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, tal-1 ta' Awwissu 2006, dwar miżuri ta' implementazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-persuni politikament esposti u l-kundizzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni ta' obbligi ssemplifikati ta' viġilanza fir-rigward tal-klijentela kif ukoll tal-eżenzjoni minħabba attività finanzjarja eżerċitata okkażjonalment jew fuq livell limitat ħafna (ĠU L 214, p.29)

**Dispożittiv**

(1) Billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex tikkonforma ruha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, tal-1 ta' Awwissu 2006, dwar miżuri ta' implementazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-"persuni politikament esposti" u l-kundizzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni ta' obbligi ssemplifikati ta' viġilanza fir-rigward tal-klijentela kif ukoll tal-eżenzjoni minħabba attività finanzjarja eżerċitata okkażjonalment jew fuq livell limitat ħafna, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

(2) L-Irlanda hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 55, 07.03.2009.